# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 439/2016**

Il-Pulizija

(Spettur Tevor Micallef)

vs

**Mark Azzopardi**

iben Vincent, imwieled Pieta' fil-21 ta' Frar, 1989, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 109889(M)

Illum, 26 ta' Gunju 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Mark Azzopardi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli nhar it-22 ta' Marzu 2015 ghall-habta ta' 00:00hrs bhala persuna illi f'isimha ghandha l-licenzja ta' 'substitute', ippermetta tfal taht is-sbatax-il sena (17) sabiex jidhlu f'hanut ta' l-inbid, birra u xorb spirituz bl-isem ta' "+1" li jinsab fi Triq San Gorg, Paceville, San Giljan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta' Settembru, 2016 fejn il-Qorti wara li rat r-regolamenti 2, 6(1)(5) u 15(1) ta'l-Avviz Legali 124 tal-1995 (Legislazzjoni Sussidjarja 10.40) sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni kif dedotta u ikkundannatu ghal multa komplessiva ta' tmien mitt ewro (€800).

Rat ir-rikors tal-appellant Mark Azzopardi minnu pprezentat fil-5 ta' Ottubru, 2016 fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet, bir-rispett, enuncjazzjoni u applikazzjoni skorretta tal-ligi biex b'hekk erronjament irriskontrat il-htija fil-konfront tal-appellant.

Illi f'dan ir-rigward l-Ewwel Qorti, filwaqt li ghazlet li tinjora l-gurisprudenza kostanti (ara fost l-ohrajn mhux biss Il-Pulizija vs John Tanti deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Lulju 2014 u iccitata mill-ewwel Qorti izda wkoll il-Pulizija vs Stefan Cutajar deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Lulju 2012), izda applikat skorrettament il-principju ta' 'strict liability' enuncjat fis-sentenza Pulizija vs Louise Ann Faure deciza nhar il-11 ta' Settembru 2008 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

In effett, l-ewwel Qorti ekwiparat il-kuncett ta' 'strict liability' mal-kuncett ta' "absolute liabilty". Fi kliem iehor, ghall-ewwel Qorti, il-fatt wahdu li go stabbiliment kien hemm minuri huwa sufficjenti biex teradika l-htija irrispettivament mic-cirkostanzi attinenti ghal kaz. Bid-dovut rispett dana mhuwiex korrett. F'dan ir-rigward issir referenza ghal dak li jghallem Blackstone fejn f'Blackstone: Criminal Practice 2008 pagna 66 insibu:

"Liability is in general strict, not absolute. General defences to crime therefore, with rare exceptions, apply to such offences.

In general, strict liability offences involve proof that the accused voluntarily acted or ommitted to act. This requirement may be displaced by the words of the statute."

Hekk ukoll f'Smith and Hogan, Seventh Edition, pagna 100 insibu s-segwenti:

"The term 'absolute prohibition' is somewhat misleading in so far as it suggests that an accused whose conduct has caused an actus reus will necessarily be held liable. It is common to say that 'no mens rea' need be proved in the case of these offences. Defendant can be convicted on proof by Plaintiff of actus reus only. <u>It is only in an extreme case that this is true. The fact is that an offence is regarded-</u>

and properly regarded- as one of strict liability if no mens rea need be proved as to a single element in the actus reus. The single element will usually be one of great significance, but and by no means follows that mens rea should not be required as to the remaining constituents of the offence." (Enfazi mizjud)

Illi ghalhekk huwa evidenti li sitwazzjonijiet fejn il-legislatur johloq strict liability ma jfissirx li jammontaw ghal absolute liability. In effetti dan il-fatt huwa rikonoxxut anke fis-sentenza Faure supra citata. Effettivament li kkummentat obiter il-Qorti tal-Appell Kriminali kien li f'dawn ir-reati ta' strict liability l-imputat ma jistax jiddefendi minnu billi jghid li ma ndunax li l-persuna taht l-eta dahlet fil-lokal jew li gie ngannat mill-apparenza. Il-bran relattiv huwa iccitat mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Qari ta' dan il-bran juri b'mod car li f'dan il-kaz ma ntalbet l-ebda forma ta' identifikazzjoni qabel id-dhul tal-persuni kkoncernati f'dan il-kaz ta' Faure. Ergo fis-sentenza Faure il-Qorti tal-Appell Kriminali rriskontrat dak li Blackstone spjega li huwa agir ta' akkuzat li "voluntary acted or ommitted to act."

U huwa proprjament ghaliex "strict liability" ma tammontax ghal "absolute liability" li l-Qrati taghna hadu l-pozizzjoni li hadu fis-sentenza Tanti vs Cutajar fost l-ohrajn. Sahansitra fis-sentenza ta' Cutajar il-Qorti tal-Appell Kriminali kkummentat bil-mod segwenti:
"Evidentament is-sistema li kellu l-appellant ma kienitx a foolproof system, kif forsi hu mistenni minnu. Mill-banda l-ohra f'dan il-kaz la jirrifjuta li l-appellant "ippermetta" u wisq anqas li "dahhal" lil Ryan Cutajar."

Illi ghalhekk f'dan il-kaz l-esponent jissupplimenti bir-rispett li n-nuqqas ta' haddiehor ma jistax jissarraf fis-sejbien ta' htija fil-konfront tieghu. Huwa palezi li l-esponent "did not omit to act" mill-atti jirrizulta li huwa nkariga persuni li xogholhom kien li joqoghdu mal-bieb sabiex jizguraw it-tharis tar-Regolament 61 tal-Avviz Legali 124/1995. Bid-dovut rigward dak mistqarr mill-ewwel Qorti fil-paragrafu ta' qabel tal-ahhar ma waslet ghall-konkluzjoni huwa biss spekulazzjoni, kongettura u mhux sorrett mill-provi.

Illi lanqas ma jirrizulta mill-atti li l-esponent "voluntarily acted" stante li skont ma tixhed Rebekah Borg lill-imputat f'ebda hin ma ratu. Illi sostenn ta' dan l-aggravju l-esponenti jaghmel referenza ghad-dicitura tal-artikolu 6(1) tal-Avviz Legali 124/1995. Issa mill-provi huwa car li l-esponent ma halliex li minuri jithallew jidhlu. Issir referenza ukoll f'dan il-kuntest ghall-artikolu 15(1) tal-Avviz Legali 124/1995 li testabilixxi piena ghar-reati maghmulin kemm mill-proprjetarju jew mill-impjegati tieghu. L-uzu tal-konguntiv "jew" kif ukoll l-indikazzjoni "meta issib persuna hekk hatja" minghajr limitazzjoni dwar jekk dik il-persuna hijiex il-proprjetarja jew inkella impjegat, tindika illi taht din il-ligi

anke impjegat ghandu responsabilita' penali u li konsegwentament anke impjegat huwa prosekwibbli penalment ghal nuqqasijiet kommessi minnu.[1]

Illi dan ifisser u huwa indikattiv illi galadarba impjegat igorr responsabbilta' penali tali responsabbilta' tintrefa minnu f'kaz ta' nuqqas da parti tieghu u ma tistax tinxtehet fuq il-principal tieghu, sakemm naturalment il-principal "would have voluntarily acted or omitted to act".

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

L-appellant, in succint, fl-appell minnu intentat jilmenta illi l-Ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni hazina tal-kuncett ta' *strict liability* applikat fil-kamp penali ghal dawk ir-reati fejn l-att materjali wahdu jista' iwassal ghal htija, li ma kellux jitfixkel ma' wiehed ta' *absolute liability* gjaldarba xortawahda irid jigi ippruvat illi l-persuna akkuzata aggixxiet volontarjament meta wettqet l-att materjali tar-reat jew inkella li naqqset milli tagixxi u cioe' kien hemm att ta' ommissjoni. L-appellant ma kienx fuq il-post meta iddahhlet il-minuri fl-istabbiliment u allura, fil-fehma tieghu, ma jistax jigi applikat dan il-kuncett ta' dritt fil-konfront tieghu biex tinstab il-htija ghaliex jishaq illi huwa kien ta struzzjonijiet cari lill-impjegati tieghu sabiex ma ihallux minuri jidhlu fl-istabbiliment li kien taht it-tmexxija tieghu u li dawn ghalhekk jaghmlu il-verifiki kollha mehtiega permezz anke ta' wiri ta' dokument ta' identifikazzjoni fl-entratura.

[1] Ara Il-Pulizija vs Joseph Galea deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-11 ta' Frar 2009 fejn gie stabbilit li "substitute" jinkwadra taht id-definizzjoni mhux ta' impjegat izda ta' proprjetarju skont l-artikolu 2 tal-Avviz Legali 124/1995.

Illi mill-atti fil-fatt jemergi illi dan il-kaz kellu l-bidu tieghu meta nhar it-22 ta' Marzu 2015 Rebekah Borg, li dak iż-żmien kellha 16-il sena, kienet irrapurtat l-għassa ta' San Ġiljan illi waqt li kienet ma sħabha ġewwa l-istabiliment bl-isem "+1" kien insterqilha t-telefown cellulari taghha mill-baskett u dan filwaqt li kienet qedgħa bil-wieqfa bejn id-DJ stand u l-*bar counter*. Kif il-pulizija aċċedew fl-istabbiliment in kwistjoni, l-appellant identifika lilu nnifsu bħala s-*Substitute licencee* li kien responsabbli għat-tmexxija tal-istabbiliment, fejn anke pprovdihom il-liċenzja tal-post. Azzopardi ġie nfurmat li bis-saħħa tar-rapport li kienu rċevew il-pulizija mingħand Rebekah Borg, kien irriżulta li hu kien laqa' fl-istabbiliment persuna taħt l-eta' u li konsegwentement kienu ser jinħarġu l-akkużi kontra tiegħu. Fil-fatt fix-xiehda taghha Rebekah Borg tikkonferma li kienet daħlet fl-istabbiliment in kwistjoni ma sħabha u li mal-bieb kien hemm xi rġiel lebsin l-iswed li kienu talbuha l-karta tal-identita' tagħha li kienet tindika li hi kienet taħt l-eta' ta' sbatax il-sena. Tikkontendi illi dahhlet fl-istabbiliment flimkien ma' shabha li uhud minnhom ukoll kienu taht l-eta u li din ma kenitx l-ewwel okkazzjoni li marret hemmhekk. L-appellant jaghzel li ma jixhidx u lanqas iressaq provi in difeza.

Illi abbazi ta' dawn il-provi l-Ewwel Qorti sabet ħtija fl-appellant billi strahet fuq l-esposizzjoni ta' dritt maghmula fis-sentenza 'Il-Pulizija vs Louise Ann Faure'.

Ikkunsidrat:

Illi jibda biex jinghad illi l-appellant jaqa' sewwasew fid-definizzjoni li jaghtu r-regolamenti ta' min jitqies li hu proprjetarju f'postijiet ta' divertiment meta jinghad fir-regolament 2 abbinat mar-regolament 6(1) tal-leġislazzjoni sussidjarja 10.40 (AL124/95):

> **"proprjetarju" dwar kull divertiment tfisser il-persuna li torganizza jew tmexxi d-divertiment jew li tkun responsabbli għall-organizzazzjoni jew għat-tmexxija tiegħu u tinkludi kull persuna li jkollha xi interess finanzjarju fid-divertiment jew f'dak li jidħol minnu, u kull persuna li f 'isimha jiġu riċevuti ħlasijiet għal divertiment; u f'każ ta' persuna ġuridika, il-frażi "proprjetarju"**

**għandha tinkludi wkoll lill-manager jew lil kull uffiċjal prinċipali ieħor ta' dik il-persuna ġuridika. ...**

**(1) Persuni taħt l-età ta' sbatax-il sena ma għandhomx jitħallew jidħlu ġewwa lokalità ta' divertiment, u żgħażagħ li jkollhom iktar minn sbatax-il sena għandhom qabel ma jidħlu f'dik il-lokalità joħorġu u juru dokument ta' identifikazzjoni legalment validu tagħhom lill-proprjetarju.**

Issa l-appellant jishaq illi l-kuncett ta' *strict liability* ma ghandux jigi imfixkel ma' dak tal-*absolute liability* billi allura anke jekk l-att materjal tar-reat huwa wahdu bizzejjed sabiex tigi stabbilita ir-reita', madanakollu f'dawk il-kazijiet fejn japplika l-kuncett ta' *strict liability*, l-awtur tar-reat jista' iressaq id-difiza li huwa agixxa bil-prudenza u diligenza u li allura jonqos il-volontarjeta ta'l-att sabiex jezimi ruhu ir-responsabbilita' penali.

Il-mibki Professur Anthony Mamo ighid illi l-kuncett tal-'*absolute liability*' tintuża fir-rigward ta' reati li jwasslu għar-responsabbilta' penali ta' dak li jkun allavolja ma jkunx hemm il-prova tal-*mens rea* jew l-intenzjoni li jikkometti r-reat. Dawn huma l-eċċezzjonijiet għar-regola ta' '*actus non facit reus nisi mens sit rea*'. Igħid hekk imbaghad dwar dan il-kuncett:

***'In determining whether an Act does create this more stringent prohibition, regard must be had to the object of the statute, the words used, the nature of the duty, the person upon whom it is imposed, the person by whom it would in ordinary cases be performed, and the person upon whom the penalty is imposed. In general, where the words of a modern statute amount to an absolute prohibition of a certain act without any reference to the state of mind of the actor, 'mens rea' is not an essential ingredient of the offence; and in such a case any inquiry as to the intent which actuated the accused would be immaterial – except, perhaps, with a view to the mitigation of the punishment. (Blake-Odgers, op.cit. Vol I. 114). (page 73 )*.**

Minn naha l-ohra:

***Strict liability offences do not require proof of fault, and provide for a defence of an honest and reasonable mistake of fact. It is generally considered justified to impose strict liability to protect public health, safety and the environment. It***

***may also be imposed for regulatory offences. The general principle is that strict liability may be imposed where a person is placed on notice to guard against the possibility of inadvertent contravention.*** [2]

Dan ifisser illi fil-kazijiet ta' offizi li huma ippruvati hekk kif jigi imwettaq l-att materjali wahdu minghajr il-bzonn li jigi ippruvat l-element formali, dawn jaqghu taht 'l hekk imsejjah *absolute liability*, liema kuncett madanakollu m'ghandux jigi ekwiparat ma' dak ta' 'l hekk ismejjah *strict liability*, fejn ghalkemm ukoll f'dawn l-offizi ma hemmx il-bzonn li tigi ippruvata l-intenzjoni kriminuza, madanakollu l-awtur tar-reat jista' iqanqal xi difizi. Illi fil-fatt l-Qorti hija tal-fehma illi dan il-principju ta' *strict liability* ghandu jimxi id f'id ma' dik tar-responsabbilta vikarja kif mahsuba fl-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi hekk:

**Meta xi reat taht jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun ghadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew g]aqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna guridika jew le, kull persuna li, fil-hin ta' l-eghmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili tal-korp jew ghaqda, jew kienet tidher li qed tagixxi f'dik ilkariga, tkun hatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax <u>li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghha u li tkun ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-eghmil tar-reat</u>**

Dan ifisser illi f'dawn il-kazijiet il-piz tal-prova issa ser iddur fuq il-persuna akkuzata b'dan ghalhekk illi jaqa' fuq spallitha sabiex tipprova, u dan sal-grad tal-probabbli, illi hija ghamlet dak kollu mehtieg sabiex tevita li jigi kommess ir-reat, u li allura ezercitat id-diligenza kollha mehtiega sabiex jigi zgurat li ma jkun hemm l-ebda vjolazzjoni ta' dritt. Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi c-cahda tal-persuna akkuzata milli tressaq xi forma ta' difiza tmur kontra l-principju tal-presunzjoni tal-innocenza u tad-dritt ghal smiegh xieraq fi proceduri penali meta l-att materjali wahdu anke jekk mhux kommess mill-akkuzat, izda minn persuna li jaqa' taht ir-responsabbilta' tieghu, jista' iwassal ghal sejbien ta' htija.

---

[2] https://www.alrc.gov.au/sites/default/files/pdfs/publications/fr_129ch_10._strict_or_absolute_liability.pdf

Illi maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet ta' dritt u ezaminati l-atti tal-kaz mill-gdid, il-Qorti tistqarr illi dwar il-fatti tal-kaz ma jidhirx illi hemm wisq kontestazzjoni bejn il-partijiet. Huwa indubitat illi Rebekah Borg, li fiz-zmien tal-akkadut kellha inqas minn sabatx-il sena, thalliet tidhol fl-istabbiliment ta' divertiment "+1" u dan wara li tghid li wriet il-karta ta'l-identita taghha lil xi nies lebsin l-iswed li kien hemm fil-bieb. Min kienu dawn in-nies ma jigix stabbilit ghalkemm il-Qorti tista' tasal ghal konkluzjoni li x'aktarx dawn kienu xi nies tas-sigurta impjegati fl-istabbiliment. Il-provi izda jieqfu hemm! L-appellant ma iressaqx l-icken prova u dan sabiex jezimi ruhu mir-responsabbilta penali u jippretendi li b'dawn il-fatti huwa lahaq il-grad tal-prova mistennija minnu sabiex jezimi ruhu mir-responsabbilta' kriminali.

Ghalkemm kif inghad il-Qorti hija tal-fehma li dan huwa kaz klassiku ta' *strict liability*, u allura ma hemmx il-htiega li jigi ippruvat l-element intenzjonali, madanakollu sabiex l-appellant seta' jezimi ruhu mir-responsabbilta penali kellu necessarjament iressaq provi inkonfutabbli li huwa agixxa b'diligenza u li ha l-prekawzzjonijiet kollha necessarji sabiex jara li ma isehhux vjoalzzjonijiet tal-ligi fl-istabbiliment li jaqa' taht ir-responsabbilta' tieghu. Dana izda ma ghamlux. Il-persuni li kien hemm fil-bieb u li lilhom l-minuri allegatament wriet il-karta ta'l-identifikazzjoni taghha jibqghu injoti. Ma hux car ghalhekk jekk dawn fil-fatt kenux nies impjegati mill-appellant u jekk kenux dawk in-nies li hu jallega fid-difiza tieghu (ghalkemm ma jixhidx) li kien ghaddielhom struzzjonijiet biex jivverifikaw min kien qed jidhol fl-istabbiliment. Mhux biss izda il-minuri izzid tghid fix-xiehda taghha li din ma kenixt l-ewwel darba li marret f'dan l-istabbiliment tant ghalhekk illi din il-Qorti tqies illi hemm certu laxxkizmu minn naha tal-appellant fid-diligenza u is-supervizjoni li huwa kien fid-dmir li jezercita bhala *substitute licensee* fl-istabbiliment.

Dan ifisser illi l-appellant jonqos milli iressaq provi u dan sal-grad tal-probabbli li jindikaw illi huwa filfatt għamel kull ma seta' biex jipprevjeni li dawn l-atti jissuċedu.

Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa l-każistika kollha kkwotata u r-referenzi kollha ġuridiċi li ġew senjalati minn entrambe l-partijiet u analiżżathom kemm bħala kontenut kif ukoll bħala stat ta' fatt. Illi l-fattispecje tal-kazistika iccitata mill-appellant fir-rikors tal-appell huma kemmxejn differenti minn dawk ta' dan il-kaz, bil-kawza il-Pulizija vs John Tanti tipprezenta xenarju fejn zewg tfajliet dahhlu fl-istabbiliment billi irnexxielhom jisgiccaw il-kontrolli li kien hemm fil-bieb meta dahhlu fil-post kmieni qabel fetah, filwaqt li fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Stephen Cutajar il-Qorti kienet illiberat lill-appellant in kwistjoni a bażi tal-fatt li l-minorenni, li kellu biss erbatax-il sena,  kien ikkonferma meta xehed bil-ġurament illi hu kien daħal bil-moħbi u dan billi sġiċċa lill-*bouncer* li kien mal-bieb filwaqt li kien aljenat jagħmel xi ħaġa oħra.

Illi f'dan il-kaz  ghalkemm jidher illi Borg wriet lill-*bouncers* mal-bieb il-karta ta'l-identifikazzjoni taghha, ma ġiex ippruvat li l-persuni mal-bieb talbuha dan id-dokument u li huma filfatt kienu ngħataw struzzjonijiet f'dan is-sens minn min kien responsabbli u cioe' mill-appellant.  *Di piu* skond id-dettami tal-artikolu 6(1) tar-regolamenti, jekk Borg kellhiex karta tal-identita' jew le u jekk din intwerietx kienet filfatt irrelevanti u dan peress illi dawn il-kontrolli huma meħtieġa biss għal min għandu aktar minn sbatax il-sena, b'dawk il-minuri ta' taht is-sbatax-il sena ma jistghxu jithallew jidhlu. Dan ifisser ghalhekk illi l-wiri tal-karta ta'l-identita wahedha ma kenitx sufficjenti biex tizgura illi tfal ta' taht l-eta ta' sbatax-il sena ma jistghux jigu permessi jidhlu f'dawn il-postijiet ta' divertiment. L-appellant ma ġabx prova li tindika x'sistema kien jadopera u li kienet allura effettiva sabiex jizgura illi anke fl-assenza tieghu tfal ta' taht is-sbatax-il sena ma jithallewx jidhlu fl-istabbiliment. Il-Qorti ma tistax tippretendi illi l-*licensee* jew is-sostitut tieghu joqghodu il-hin kollu fil-bieb sabiex jaghmlu l-verifiki huma personalment, izda tippretendi illi jkun hemm sistema fuq saqajha li tohloq kontroll effettiv bl-appellant allura jivverifika l-hin kollu li dawn il-kontrolli qed jigu ezercitati.  Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ma tara l-ebda mottiv la fil-fatt u lanqas fid-dritt li jista' igieghlha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(FT) Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur